MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1086/2003

**Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet sia bil-polza u sia bil-ligi tal-assigurat taghha Clive Caruana u l-istess Clive Caruana**

**vs**

**Anthony Debono**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta’ Mejju, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta’ elf mija u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm1160.50) rappresentanti danni subiti f’incident stradali li sehh fi Triq San Pawl iz-Zurrieq meta l-attur kien qieghed isuq il-vettura bin-numru CLV-022 u l-konvenut li kien qieghed isuq il-vettura bin-numru TON222, baqa’ diehel fih. Din il-habta saret tort il-konvenut in vista tan-negligenza, traskuragini imprudenza u nuqqas ta’ osservazjoni tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali datat 17 ta' Frar 2003 u ta' l-ittra ufficjali ipprezentata kontestwalment ma'l-avviz u bl-imghax legali kontra l-konvenut, ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fit-23 ta' Lulju 2003, fejn huwa eccepixxa illi t-talba qed tigi ikkontestata stante li l-konvenut ma jaqbilx li huwa jahti ghall-incident mertu ta' din il-kawza. Aktar minn hekk u sabiex jigu evitati proceduri l-Qorti, l-esponenti, tramite l-assikurazzjoni tieghu, offra minghajr pregudizzju li l-ispejjez taz-zewg vetturi jinqassmu ugwalment bejn il-partijiet, liema offerta ma gietx milqugha mill-atturi u ghalhekk l-esponenti ma ghandux ibati spejjez f'kaz li ma jinsabx unikament responsabbli. Bl-ispejjez.

Sema' x-xhieda tal-attur, kif ukoll tal-konvenut, ta' Emanuel Galea in rappresentanza tas-socjeta attrici, ta' PS849 Ivan Curmi u ta' John Lentini.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ikkunsidra,

L-incident mertu tal-kawza sehh gewwa Triq San Pawl, iz-Zurrieq, filwaqt illi iz-zewg sewwieqa kienu qed isuqu fid-direzzjoni l-opposta ta' xulxin. Fuq in-naha tat-triq fejn kien qieghed isuq l-attur kien hemm vettura ipparkeggjata. L-attur jikkontendi illi l-konvenut kien qieghed isuq fuq in-naha hazina tat-triq u cioe' kien qieghed isuq fuq il-karreggjata tat-triq fejn kien jinstab hu. Hu gibed l-attenzjoni ta' dana is-sewwieq billi daqq il-horn, izda ma setax jevita l-impatt u jikkontendi illi l-konvenut baqa' diehel dritt ghal fuqu. Mad-daqqa huwa waqqaf, izda l-konvenut baqa' sejjer ftit iktar 'il quddiem. Fil-fatt l-attur ma jaqbilx ma'l-iskizz tal-pulizija esebiet bhala Dokument DC1 a fol.12 tal-process u dana peress illi l-posizzjoni fejn tidher l-vettura tal-konvenut hija zbaljata ghaliex dina kienet tinsab fuq in-naha tat-triq fejn kien qieghed isuq hu,

tant illi l-brejk marks li jidhru wara l-vettura tal-konvenut kienu qeghdin quddiem il-vettura ta'l-attur.

Il-konvenut min-naha tieghu jaghti verzjoni kompletament differenti ta' kif sehh dana l-incident. Fl-ewwel lok huwa beda jallega illi l-attur kellu id-dawl tax-xemx gej mill-faccata tieghu tant illi dana kien qieghed jostakolalu l-vizwali tat-traffiku li kien gej mid-direzzjoni l-opposta tieghu. Huwa jikkontendi ili peress illi kien hemm vettura ipparkeggjata fuq in-naha tat-triq fejn kien qieghed l-attur, l-konvenut haseb illi l-attur kien ser iwaqqaf sabiex jippermettielu ighaddi u ghalhekk huwa baqa' isuq fid-dritt. Izda f'daqqa wahda l-attur qabad u hareg minn wara din il-vettura ipparkeggjata u huwa ma irnexxielux iwaqqaf fil-hin sabiex jevita l-impatt. L-konvenut jichad illi huwa kien qieghed  isuq wrong side. Il-konvenut ghalhekk jaqbel ma'l-iskizz tal-pulizija. Isostni illi l-ewwel darba li lemah lill-attur, huwa rah diehel kemm kemm wara l-vettura ipparkeggjata,imbaghad kiser 'l barra f'salt meta huwa wasal vicin tieghu.

Il-partijiet jaqqblu illi is-surgent tal-pulizija li kien investiga dana l-incident kien irranga l-iskizz darbtejn, l-ewwel ghaliex kien indika in-nurmi tal-vetturi hazin, imbaghad rega' irranga l-iskizz minhabba li l-konfigurazzjoni tat-triq ukoll giet indikata hazin. It-Tribunal ghalhekk ihoss li ma jistax jistrieh wisq fuq dana l-iskizz, iktar u iktar meta hemm kontestazzjoni bejn il-partijiet fis-sens illi l-attur ma huwiex qieghed jaqbel lanqas mal-verzjoni finali ta' dana l-iskizz.

Illi mill-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa u minn dak li seta jikkonstata it-Tribunal waqt l-access li inzamm fuq il-post ta'l-incident, jidher illi kull wiehed mis-sewwieqa qieghed jaghti verzjoni plawsibbli ta' kif seta' sehh dana l-incident stradali. Huwa kemmxejn stramb madanakollu kif l-attur, ghalkemm jaqbel li kien hemm vettura ipparkeggjata fuq in-naha tieghu tat-triq ma jixhed  xejn dwar jekk din l-istess vettura kenitx ta' ostakolu ghalih fis-sewqan tieghu u cioe' jekk kellux jaghmel xi manuvra sabiex ighaddi minn hdejn l-imsemmija vettura.  Maghdud dan, mill-provi migjuba ma irrizultax b'mod konklussiv illi l-

konvenut fil-fatt invada l-karreggjata tat-triq fejn kien qieghed isuq l-attur. L-konvenut dana jichdu, oltre ghal fatt illi t-triq fejn sehh l-incident stradali hija wahda piuttost wiesgha u ma ingiebet l-ebda prova li tista' tindika xi raguni 'il ghala l-konvenut kellu jinvadi l-karreggjata tat-triq misjuqa mill-attur. Ma jirrizultax per ezempju illi dak in-nhar ta'l-incident kien hemm xi vetturi ipparkeggjati fuq in-naha tat-triq tal-konvenut, u ghalhekk kellu johrog xi ftit 'il barra minhabba l-istess, lanqas ma irrizulta illi l-konvenut kien qieghed isuq b'xi velocita eccessiva li tilef il-kontroll tal-vettura tieghu jew li kien taht l-effett ta' xi xorb alkoholiku.

Kwindi t-Tribunal fid-dawl tal-provi prodotti ma jistax jasal sabiex jistabbilixxi x'kienet il-kawza prossima ta' dana l-incident stradali u dana peress illi l-attur ma irnexxielux jipprova dak allegat minnu.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-atturi ma irnexxielhomx jipprovaw it-talba taghhom u ghalhekk ighaddi sabiex jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-istess atturi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------